**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Novembru, 2023**

Numru 2

**Rikors Nru. 156/2022**

**Johannes Helmut Michael Bauer, Dr Claude-Anne Sant Fournier, Hamidreza Ghanbari, Robert Klingensmith, Luis Felipe Rivera u Mustafa Cetinel f'isimhom proprio u bhala diretturi ta' Pilatus Bank plc**

**vs**

**Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' April 2023 fejn dik il-Qorti iddecidiet illi l-appell kien irritu u null billi d-decizjoni tat-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji kien digriet u mhux decizjoni skont ma hemm stipulat fl-artikolu 21 tal-Kap. 330, ghalhekk fin-nuqqas ta' provvediment fl-istess Kap. 330 dwar digrieti, kellu japplika l-artikolu 229 tal-Kap. 12 u billi l-appellant ma segwiex il-procedura hemm imsemmija biex iressaq appell quddiem il-Qorti, l-appell gie dikjarat null.

Rat ir-risposta tar-ritrattati li issottomettew li ma hemmx raguni ghal ritrattazzjoni u ghandha tigi michuda.

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tghid hekk:

Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-ewwel sottomissjoni tal- appellati, jigifieri li l-appell odjern huwa wiehed irritu u null ghaliex id-decizjoni tat-Tribunal kienet tikkostitwixxi digriet kif kontemplat fl-artikolu 637 tal-Kap. 12, u peress li dan ma jinkwadrax fil-parametri tas-subartikolu 637(4) tal-istess ligi, ma seta' isir l-ebda appell minn tali digriet appellat ghajr wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell mill-istess. Tirrileva wkoll li minkejja li r-rizervi tal-appellati jaqghu fil-parametri tal-imsemmi subartikolu skont dak li jipprovdi ghalih is-subartikolu 229(4) tal-Kap. 12, il-parti aggravata ghandha sitt ijiem mid-data tad-digriet appellat sabiex titlob rikonsiderazzjoni tad-decizjoni, izda dan l-Awtorità appellanta naqset milli taghmlu.

Il-Qorti tibda billi qabel xejn tikkunsidra li dak li l-Awtorità appellanta tirreferi ghaliha bhala *"...decizjoni tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji...",* kif sewwa tikkontendi s-socjetà appellata, filfatt huwa 'digriet'.

Dwar il-kwistjoni tad-distinzjoni li ghandha ssir bejn digriet u sentenza, hawn ghandu jigi rilevat li din il-Qorti kif diversament preseduta digà kellha l-opportunità li tesprimi ruhha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Brian Galea et *vs.* Adam Cilia et** [App. Inf. 165/18, deciz fil-11.03.20], fejn sar riferiment ghal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-9 ta' Mejju, 2002, fl-ismijiet **Philip O. Gatt pro et noe *vs* Adrian Busietta pro et noe** [P.A. 133/01JRM]:

*"Illi m'hemmx dubju li d-distinzjoni bejn degriet u sentenza ghadha tiswa sal-lum il-gurnata. Minbarra l-ghazla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li ghandhom min-natura ta' degriet jintgharfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza principalment minn jekk dawn jaghlqux il-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun inghata. Huwa maqbul b'Awtorità li jekk decizjoni taghlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naha l-ohra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett procedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bhala degriet (fn. 4 Ara Prof. Caruana Notes on Civil Procedure pag. 1419; Mattirolo Diritto Giudiziario, Vol. IV, pp16-7; u Mortara Digesto Italiano Vol XXI (voce " Sentenza Civile"), pag. 450 ff) Kif inghad b'Awtorità (fn. 5 App. ~iv.* ***29.4.1925*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Tabone vs Borg Olivier*** *(Kollez. Vol:* ***XXVI.i.115****), dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività taghha, fis-sens ta'* quando terminat negotium de quo agitur*, u tista' tkun ta' zewg ghamliet: jew li taqta' l-mertu tal-kwestjoni, jew li tehles lill-imharrek milli joqghod fil-kawza. Min-naha l-ohra, d-degrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jinghataw matul is-smigh tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet ancillari. L-izjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix gudikat ghall-qorti li tkun taghtu, ghall-kuntrarju ta' dak li jsehh f'sentenza. Kien ukoll meqjus li meta f'provvediment il-Qorti tirriserva l-kap tal-ispejjez ghal stadju iehor, dan ikun sinjal car li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza;" [*Ara wkoll App. Krim. 190/01VDG, Il-Pulizija vs Alex Portelli, 03.12.01]

Fil-kaz odjern jirrizulta bic-car li l-provvediment tat-Tribunal m'ghalaq l-ebda kwistjoni dwar il-mertu, u lanqas heles lill-Awtorità appellanta milli toqghod fil-kawza. Il-kwistjoni li giet deciza tittratta l-prezentata ta' diversi dokumenti, liema kwistjoni qamet waqt l-andament tas-smigh tal-appell imressaq mis-socjetà appellata quddiem it-Tribunal, izda li bl-ebda mod ma ddecidiet il-mertu jew parti minnu. Fattur inekwivoku li juri li l-provvediment ghandu jigi kkunsidrat bhala digriet u mhux sentenza, huwa proprju l-intestatura tad-dokument tieghu fejn it-Tribunal b'mod car u espress indika li dak li ser

isegwi huwa ***'Tribunal Decree'***. L-istess referenza tintuza fil-verbal tat-Tribunal tal-jum fejn inghata l-imsemmi provvediment. Ghaldaqstant m'hemm l-ebda dubju li dakinhar it-Tribunal ta biss digriet u mhux sentenza.

Il-Kap. 330 huwa sieket dwar jekk ghandhomx ikunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 fir-rigward tal-procedura quddiem it-Tribunal, u dan filwaqt li l-artikolu 21 tieghu jipprovdi dwar diversi aspetti ta' dik il-procedura. Il-Qorti tghid li dan ma jfissirx li l-legislatur bi zvista naqas li jikkunsidra aspetti ohra tal-procedura, ghaliex fil-fehma taghha l-intendiment tieghu kien li fejn jieqfu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 ghandhom jigu applikati dawk tal-Kap. 12, u f'dan il-kaz partikolari dawk tal-artikolu 229 tieghu.

Mill-atti jirrizulta b'mod car li l-Awtorità appellanta naqset milli ssegwi l-procedura li jipprovdi ghaliha l-imsemmi artikolu, jigifieri dik imfissra mis-subartikoli (3) u (4) tieghu skont il-kaz. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li b'hekk l-imsemmija Awtorità appellanta ddekadiet mid-dritt taghha li tressaq appell mid-digriet appellat u l-appell odjern huwa rritu u null.

Decide
Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddikjara li l-appell tal-Awtorità appellanta huwa rritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.
Bl-ispejjez tal-prezenti procedura kontra l-Awtorità appellanta.

## Ikkunsidrat

L-Awtorita qed issosnti li sar zball ta' ligi skont ma jrid l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 fis-sentenza li qed tigi ritrattata. Issostni illi imkien fil-Kap. 330 ma jinghad li appell minn digriet hu soggett ghal proceduri stipulati fl-artikolu 229 tal-Kap. 12. Tant hu hekk li fejn ried, il-legislatur ghamel proceduri appositi ghal certu istanzi pero ma saret ebda distinzjoni ghal procedura ta' appell minn decizjoni jew digriet. Sfiq ma' dan la darba l-uniku terminu stabbilit ghal appell fil-Kap. 330 hu dak ta' ghoxrin jum mid-decizjoni, l-istess terminu ghandu japplika ghal digriet u ebda terminu iehor ma ghandu japplika ghajr dak li timponi l-ligi specjali.

## Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 applikazzjoni hazina tal-ligi

Din il-Qorti tqis li bhala punt ta' tluq, talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor (ara **Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Ghalhekk, biex tinghata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-qorti applikat il-ligi l-hazina fis-sentenza attakkata. Huwa minhabba f'hekk ukoll li l-ligi fl-artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta trid li min jitlob is-smigh mill-gdid ta' kawza jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-ligi t-tajba li suppost

giet applikata (ara **Joseph Spiteri et vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

Is-sentenza ghandha tithassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-ligi hazin izda meta tapplika ligi flok ohra li tghodd ghall-kaz, i.e. mhux ghax tkun applikat hazin il-ligi applikabbli izda ghax tkun applikat il-ligi l-hazina. Fi kliem iehor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-ligi hazina meta l-qorti tkun applikat b'mod hazin il-ligi t-tajba li kienet tghodd ghall-kaz (ara **Francesco Saverio Borg vs Joseph Mallia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh li biex jista' jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal- ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara **Paul Piscopo et vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Jibda biex jinghad illi dak li r-ritrattand iqis bhala applikazzjoni hazina ta' ligi skont l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 ma hux strettament hekk ghaliex kull ma ghamlet il-Qorti tal-Appell hu li interpretat l-artikolu 21 tal-Kap. 330 dwar diversi aspetti tal-procedura u waslet ghal fehma li hi siekta fuq ir-rimedji disponibbli ghal digriet fil-mori tal-proceduri quddiem it-Tribunal. La darba l-Kap. 330 ma jipprovdix rimedju hlief ghal rimedju ta' appell wara decizjoni waslet ghal konkluzjoni li japplika l-Kap. 12 ghal procedura li ghandha tigi segwita wara digriet tal-istess Tribunal. Tant dan hu minnu illi fil-fatt r-ritrattand ma jikkwotax liema ligi kienet applikabbli izda biss li gie interpretat hazin dak li jghid l-artikolu 21 tal-Kap. 330 u t-Tribunal messu ippermetta interpretazzjoni miftuha tal-kelma 'decizjoni' meta jitqies id-dritt ta' appell.

Fuq din il-kwistjoni biss it-talba ghal ritrattazzjoni ghandha tfalli.

Madankollu l-Qorti ma tistax ma ticcarax xi kwistjonijiet li tqajmu fit-trattazzjoni meta l-appellant semma li kien applikabbli l-artikolu 21(13) tal-Kap. 330 li jghid hekk:

> Fis-smigh ta' appell li jsir lilu taht xi ligi, it-Tribunal ikollu s-setgha –
> (a) li jikkonferma, ihassar jew ivarja d-decizjoni tal-awtorità kompetenti jew tal-Kumitat ta' Rizoluzzjoni that il-ligi rilevanti u li jaghti direzzjonijiet li jkunu fis-setgha tieghu taht dan l-Att jew xi ligi ohra lill-imsemmija awtorità kompetenti jew lill-Kumitat ta' Rizoluzzjoni biex jimplimentaw d-decizjoni tat-Tribunal;
> (b) li jehtieg il-produzzjoni ta' kull dokument jew informazzjoni ohra;
> (c) li jordna l-hlas tal-ispejjez minn xi parti fl-appell.

Hu jsemmi decizjoni tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-25 ta' Frar 2015 fl-ismijiet **MFSP Financial Management Limited vs Malta Financial Services Authority** fejn f'dik is-sentenza qieset li l-appellant kellu jedd jappella mill-ordni li jigu esebiti xi dokumenti skont l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 13(b). Din il-Qorti ma taqbilx billi kull ma jaghmel l-artikolu 21(13) hu li jelenka s-setghat tat-Tribunal. Hu l-artikolu 21(14) li mbaghad isemmi d-dritt ta' appell u l-limitazzjonijiet tieghu. Iz-zewg subincizi ma jistghux jinqraw qishom haga wahda.

Fl-ewwel lok id-dritt ta' appell mhux xi dritt sagrosant f'kull sitwazzjoni li dwarha ma jkunx hemm qbil, aktar u aktar meta titqies ligi specjali li ghandha tigi applikata fil-parametri li trid l-istess ligi bhala deroga mill-ligi generali u mhux aggunta mal-istess.

Harsa lejn il-Kap. 330 partikolarment l-artikolu 21(8)(A) jghid li t-Tribunal ghandu jitratta kull haga li tingieb quddiemu bl-akbar urgenza u jaghti d-decizjoni tieghu minghajr ebda dewmien. Imbaghad l-artikolu 21(14) jillimita dritt ta' appell fuq punt ta' ligi mid-decizjoni tat-Tribunal, liema appell ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum mid-data tad-decizjoni. Ikompli fl-artikolu 21(17) li appell ma jissospendix l-operat tad-decizjoni jew direttiva li minnha jsir l-appell.

Dan l-artikolu moqri fis-shih juri illi l-mansjoni tat-Tribunal hu li jaghti decizjoni fuq il-mertu ta' kwistjoni kemm jista' jkun bil-heffa sabiex jigi evitat delungar tal-procedura. Ma jridx wiehed jinsa li hawn si tratta ta' attivita li hi importanti ghal kummerc nazzjonali u internazzjonali u bla dubju tista' tkun ta' hsara kbira jekk mhux irriparabbli ghal min hu assoggettat ghal proceduri ta' stharig u enforzar sabiex ikun f'pozizzjoni li juri li ma kien hemm ebda nuqqas u fl-istess waqt li l-Awtorita responsabbli ma tkunx imxekkla minn delungar ta' process ta' enforzar ghal nuqqasijiet riskontrati ghax dan ihalli effett negattiv kemm fix-

xena kummercjali lokali u dik internazzjonali. Minn dan jidher car ghal Qorti illi l-legislatur qal li ried jghid fil-ligi u assoggetta l-appell ghal decizjoni finali jew almenu wahda li taghlaq definittivament il-vertenza. Ma hemm ebda rimedju immedjat minn digriet jew provvediment provvizjorju hlief ovvjament wara d-decizjoni finali. Ghalhekk, ghal raguni differenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' April 2023, l-appell minn digriet jew provvediment provizjorju mhux appellabli hlief wara decizjoni finali tat-Tribunal. Il-kawtela pero titlob illi t-Tribunal ghandu jassigura li kull provvediment li jinghata jhalli s-salvagwardji kollha necessarji ghal protezzjoni tal-partijiet billi l-istess provvediment jista' jkollu effetti negattivi jekk ma jsirx bi prudenza u attenzjoni ghal konsegwenzi immedjati sakemm tinghata decizjoni u eventwali sentenza minn appell quddiem il-Qorti tal-Appell.

**Decide**

Ghal ghal din ir-raguni l-Qorti qieghda tichad it-talba tal-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjari sabiex tithassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' April 2023 u tikkonfermaha b'danakollu ghar-ragunijiet moghtija minn din il-Qorti.

Spejjez ghall-Awtorita ritrattandi.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lit-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur